

Brussell, 17 ta' April 2026  
(OR. en)

8269/26

FIN 542  
INST 178

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar id-dati tal-proċedura baġitarja u l-modalitajiet  
għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2026

---

**ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet**  
**għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2026**

- A. F'konformità mal-Parti A tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2027:
1. Il-Kummissjoni ser tagħmel hilita biex tippreżenta d-Dikjarazzjoni tal-Estimi għall-2027 sal-bidu ta' Ġunju;
  2. Ser jissejjaħ trilogu fis-16 ta' Lulju (filgħodu), wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti;
  3. Il-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew sa tmiem is-37 ġimgħa, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;
  4. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ser jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa tmiem il-41 ġimgħa (bidu ta' Ottubru);
  5. Ser jissejjaħ trilogu fl-14 ta' Ottubru (waranofsinar), qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;
  6. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew ser tivvota dwar il-qari tagħha fit-43 ġimgħa (Sessjoni plenarja tad-19 sat-22 ta' Ottubru);

7. Il-perjodu ta' Konċiljazzjoni ser jibda fis-27 ta' Ottubru. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(4)(c) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni ser jiskadi fis-16 ta' Novembru 2026;
  8. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiltaqa' fit-3 ta' Novembru (waranofsinhar), ospitat mill-Parlament Ewropew, u fl-10 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill (u jista' jitkompla kif xieraq); is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jitħejjew permezz ta' trilogu/i. Huwa skedat trilogu fit-3 ta' Novembru (waranofsinhar). Jista' jissejjaħ trilogu/i addizzjonali matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, inkluż fid-9 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill.
- B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.
-